# IL-FOLJU

Storja u Kultura


## L-Għaqda ssegwi l-bini tan-Niċċa tad-Duluri tax-Xatt

*Minn Raymond Montebello*

Wara ħafna xogħol u taħbit mill-kumitat tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa fl-aħħar rajna n-niċċa tad-Duluri tax-Xatt tibda' tinbena u titlesta. Kien fl-20 ta' Novembru 2017 meta beda t-tħaffir tal-pedament ta' din in-niċċa. Ix-xogħol kollu ġie fdat f'idejn Agius Stone Works, kumpanija magħrufa u mfittxija għal dan ix-xogħol tal-ġebel. Bla dubju l-ewwel ma sar huwa li tħaffret toqba għall-pedament biex imbagħad ikun jista' jinbena l-pedestal. Dan il-pedestal fih bieb mal-ġenb biex wieħed ikun jista' jidħol fin-niċċa. Fl-aħħar in-niċċa tlestit kemm mill-bini kif ukoll mit-tkaħħil, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Dan kollu sar taħt il-ħarsien tal-perit Clive Grima, perit imqabbad mill-kumpanija *Enemalta*. L-Għaqda tixtieq tagħmilha ċara li l-ħlas tal-bini tan-niċċa sar kollu mill-*Enemalta*, kif kien miftiehem minn qabel ma twaqqgħet in-niċċa l-antika. Billi l-istatwa tad-Duluri kellha bżonn ta' restawr, l-Għaqda ħadet ħsieb dan b'mod professjonali għalhekk kif għedna diġa' qabbadna lill-iskultur Sergio Gauci. Skont l-istess skultur din l-istatwa hija magħmula mill-ġebel tal-qawwi u ġiet imnaqqxa biex din l-istatwa tkun tista' tidher minn kull naħa. Il-kumitat tal-Għaqda ħadem kemm felaħ biex dan il-proġett ikun tal-għola kwalità u biex din in-niċċa terġa' titgawda mill-Marsin. Ⓕ

**"Sa fl-aħħar in-niċċa tax-Xatt tibda' tinbena u titlesta"**





*Il-ħofra li tħaffret għall-pediment.*



iktar ritratti f'paġni 4 u 5

# Il-Kumitat għas-sena 2018

*Mill-Bord*

Wara s-Seduta Ġenerali, li saret il-Ġimgħa 16 ta’ Frar 2018, il-kumitat reġa’ ltaqà għall-ewwel seduta tal-kumitat għas-sena l-ġdida 2018. Din is-seduta saret nhar l-Erbgħa 21 ta’ Frar 2018, fiċ-Ċentru San Piju X, fejn ġie ffurmat kumitat ġdid għas-sena 2018. Il-Kumitat għas-sena 2018, huwa dan:

**President:**

**Is-sur Raymond Montebello**

**Viċi President:**

**Is-sur Frans Attard**

**Segretarju:**

**Is-sur Andrew Grech**

**Kaxxier:**

**Is-sur Ryan Buhagiar**

**Assistant Kaxxier:**

**Is-sinjura Maria Buhagiar**

**Arkivista:**

**Is-sinjura Mary Mizzi**

**Attivitajiet Kulturali:**

**Dr. Saviour Pisani**

**Koordinatriċi mal-Parroċċi:**

**Is-sur Alfred Ebejer**

**Membri:**

**Is-sur Wistin Aquilina**
**Is-sur Mario Bezzina**
**Is-sur Carmelo Montebello**
**Is-sur Alfred Schembri**

Il-President, is-Sur Raymond Montebello, jixtieq jirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat li aċċettaw il-kariga, b’mod speċjali lis-sur Ryan Buhagiar li aċċettat li jkun fil-kumitat bħala kaxxier. Il-kumitat jixtieq jirringrazzja wkoll b’mod speċjali lis-sur Alfred Schembri għax-xogħol li għamel bħala kaxxier. F

# Is-Seduta Ġenerali 2018

*Mill-Bord*

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa, bħal kull sena laqqgħet lill-membri tagħha għas-Seduta Ġenerali tal-2018. Din saret nhar il-Ġimgħa 16 ta’ Frar 2018 fiċ-Ċentru San Piju X. Il-laqgħa bdiet b’diskors mill-president fejn qal li forsi kienet tidher sena kwieta għall-kumitat pero l-ħidma tiegħu kienet għaddejja l-ħin kollu. Eżempju ta’ dan hija l-bini tan-niċċa tad-Duluri, li din reġgħet inbniet bis-saħħa tal-Għaqda tagħna. Huwa qal ukoll li l-Għaqda mhux ser taqta’ qalbha fejn tidħol l-istorja u l-kultura tal-Marsa avolja xi drabi ma ssibx ko-operazzjoni mingħand ħadd. Wara nqraw il-minuti tas-Seduta Ġenerali tal-2017 u r-rapport





Amministrattiv għas-sena 2016 mis-segretarju. Il-kaxxier qara r-rapport finanzjarju għas-sena 2017. Il-kaxxier qal li fl-2017 l-Għaqda għamlet bilanċ ta’ €339. In-nominazzjonijiet għall-kumitat 2018 kellna 12-il nomina fejn din is-sena kellna membru ġdid, is-sur Ryan Buhagiar. Saru diversi suġġerimenti u proposti mill-membri li l-Kumitat lest li fis-sena li ġejja jikkonsidrahom u jistudjahom biex l-istorja u l-kultura tar-raħal tagħna jibqgħu ħajjin. F

# It-Tgħallieq tal-Ammirall Francesco Caracciolo minn Horatio Nelson - 29 ta' Ġunju 1799

*ikompli mal-ħarġa l-oħra*

*Minn Dr. Saviour Pisani*

Carolina kienet tista' tgħid tmexxi l-pajjiż hi waqt li żewġha Ferdinandu kien jaħrab minn dmirijietu. Hi u l-prim ministru tagħha riedu jsaħħu l-flotta tagħhom u Francesco Caracciolo ġie magħżul bħala fizjal żagħżugħ jipprometti biex imur jieħu xi ftit esperjenza mal-flotta Ingliża fejn laħaq għamel isem u ġie promoss fil-flotta Naplitana bħala Ammirall. Biss l-affarijiet bdew jikkomplikaw ruħhom. Kien jidher ċar li l-fizjal żagħżugħ Napuljun Bonaparti kellu talenti kbar. Dan keċċa lill-Ingliżi minn Toulon u l-Konvenzjoni li ġiet wara s-saltna tal-Biża' ta' Robespierre għażlet lil dan il-ġeneral żagħżugħ biex imexxi l-armata ta' fuq l-Italja fejn għamel ħafna rebħiet u f'Villa Franca beda jagħmel trattati qisu hu nnifsu hu l-kap. B'hekk l-armata Franċiża fl-Italja bdiet tieħu r-ruħ, tiġġieled b'ħeġġa akbar u tersaq lejn l-isfel tal-Italja - lejn Napli. F'dak iż-żmien f'Malta kien hawn taqlib kbir. L-Ordni kienet tilfet ħafna artijiet tagħha fi Franza u ftaqret. Bdew deħlin ħafna ħsibijiet rivoluzzjonarji fil-Kavallieri Franċiżi u l-Gran Mastru de Rohan u wara Ferdinand von Hompesh tilfu ħafna mil-lealtà. Kien hemm intellettwali bħal Mikiel Anton Vassalli li bdew isejħu lill-Maltin nazzjon. Il-konvenzjoni għażlet lill-ġeneral Napuljun Bonaparti biex imexxi l-armata tal-Eġittu, waqaf u ħa lil Malta fi triqtu u niżżel lit-truppi tiegħu l-Eġittu. Hemmhekk laħqu Nelson u farraklu l-flotta tiegħu fil-Battalja tan-Nil. Il-bastiment Orient ta' Napuljun sploda u bl-arblu l-kbir tiegħu inħadem it-tebut ta' Nelson u Franza tilfet il-flotta tagħha tal-Mediterran.



Francesco Caracciolo

> **"Francesco Caracciolo ġie magħżul biex jieħu ħsieb il-flotta ta' Napli"**



*Il-bastiment ta' Napuljun jisplodi fil-Battalja ta' Nil.*

Il-Maltin meta semgħu b'dan qamu għall-Franċiżi u talbu l-għajnuna ta' Nelson. Dan kien fi triqtu lejn Napli biss, bagħat lill-Ammirall Nissa, Portugiż biex jimblokka l-port ta' Malta. B'hekk naraw li daħlu l-Ingliżi f'Malta u dawn ma ħadux lil Malta minn taħt idejn il-Kavallieri iżda minn taħt idejn il-Franċiżi. B'hekk dak li kien ftiehem l-Imperatur Karlu V fl-1530 ma kien jiswa xejn - Malta ma reġgħetx ingħaqdet ma' Sqallija u Napli u saret tal-Ingliżi. Ferdinandu IV kien taħt il-ħarsien ta' Nelson u għalhekk ma kienx f'qagħda li joqgħod iħaqqaqha ma' Nelson u l-flotta tiegħu għax kienu jħalluh waħdu quddiem il-forzi Franċiżi u jispiċċa ħażin bħar-re Luwiġi XVI ta' Franza u martu Marie Antoinette. B'hekk Malta ngħaqdet formalment mal-Imperu Ingliż ma' Korfu fl-1814 fil-Konvenzjoni ta' Vienna u nħoloq ir-Renju taż-żewġ Sqallijiet b'Ferdinandu I fuq it-tron, biss kien tilef lill-Malta għal kollox. Il-mara tiegħu Carolina ġiet mibgħuta lura Vienna fejn mietet ftit wara b'puplesija. Il-Marixxall Murat ġie maqbud fil-Kalabrija u xkubetjat. Bdiet isseħħ il-politika tal-kanċillier Mitternich u l-Ewropa marret għal qabel l-1789. Kellna nistennew l-1860 għal xi tibdil.



*ikompli*



Il-bini tan-niċċa jitlesta.



Il-ħaddiema jkaħħluha minn barra u minn ġewwa.



Sar bieb fil-ġenb biex ikun hemm aċċess għan-niċċa. Dan il-bieb ġie magħluq b'bieb tal-ħadid.



In-niċċa lesta, imkaħħla u miżbugħa.



# ĦSIEB IL-PATRIMONJU MARSI

*Mill-Bord*





L-istatwa tasal fil-post fejn ser titqiegħed.



L-istatwa qed tiġi trasferita mill-*Power Station* tal-Marsa għan-niċċa.



L-istatwa tad-Duluri tintrefa' bil-*lifter* għal ġon-niċċa.



L-istatwa titqiegħed postha.

***<u>Uħud mill-kummenti minn fuq facebook</u>*:**

"Din l-istatwa kont nisma' lix-xjuħ tax-xatt jgħidu li ġabar għalija Patri Alessio, Kappuċċin li kien jiġi jqaddes lill-ħaddiema tax-xatt il-Ħadd u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-*Port workers* kienu dawk li ħarġu l-flus l-aktar biex saret. Meta tlestit, kienu poġġewha postha nies mil-*guy* ta' Ħassa s-'sebgħa soldi' u l-*ganger* innifsu Ħassa. Salvu Meli kien silef il-*crane* biex ittellgħet postha. Aktar tard kienet inbniet niċċa biex tiġi protetta mill-elementi, ħdejn il-ħanut ta' Mose', Pinto Road (illum Triq l-Għassara tal-Għeneb) qed ngħid dan kollu biex din l-istorja ma tintesiex".

**Geoffrey Busuttil**

"Prosit ħbieb tax-xogħol kollu li sar u wara tant snin ta' taħbit rajna parti mill-patrimonju reliġjuż fil-Marsa salvata. Kuraġġ għal aktar ħidma".

**Pawlu Dimech**

"Prosit imnalla kontu intom għax kieku dik *bye bye*".

**Lloyd Caruana**

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li kkumentaw, għamlu *share* u *like* fuq il-*facebook* tagħna.

# L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tagħti ġieħ lill-Marsin għall-Ħidma fil-Komunita'.

*Mill-Bord*

Minn din is-sena, 2018, il-kumitat tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa ser tibda' tagħti ġieħ, kull sena, lil dawk il-Marsin li qedgħin jaħdmu u jagħmlu l-ġid lir-raħal tagħna tal-Marsa. Din is-sena ġew innominati żewġ persuni, it-tnejn li huma membri tas-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. Dawn huma s-sur Joseph Ciantar u s-sur Geatano Bezzina. Dawn iż-żewġ soċi tal-M.U.S.E.U.M. huma mill-Marsa u taw u għadhom jagħtu kontribut kbir f'dak li hu tagħlim nisrani b'mod volontarju. Kemm Ġużi kif ukoll Gejtu ilhom madwar 50 sena jgħallmu d-duttrina fil-qasam ta' Triq Balbi fil-Marsa. Min jaf kemm għallmu tfal, żgħażagħ u adulti kemm bil-kelma kif ukoll bl-eżempju tagħhom. Bħalma kulħadd jaf dan ix-xogħol jagħmluh mingħajr ħlas. Kien il-fundatur San Ġorġ Preca li ried li t-tagħlim jingħata mingħajr ħlas li l-istess ħlas jieħduh biss mingħand il-Mulej wara mewthom. Il-preżentazzjoni saret wara s-Seduta Ġenerali li l-Għaqda torganizza kull sena. Din is-sena saret nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018, fiċ-Ċentru San Piju X. Il-president, is-sur Raymond Montebello faħħar ix-xogħol li qed jagħmlu fil-komunità tal-Marsa. Il-president flimkien mall-kumitat irringrazzja lil dawn iż-żewġ persuni tax-xogħol li qed jagħmlu filwaqt li nawgurawlhom perseveranza fil-vokazzjoni tagħhom.

**"L-Għaqda ser tati dan l-unur kull sena"**





# TAĦBIL IL-MOĦĦ – ĊAJT
# LOGĦOB – MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN

*Minn Andrew Grech*

**Mimdudin:**

**1. u 3.** Peduna. (8)
**3. ara 1.**
**8.** Qassis tal-Griegi. (5)
**9.** Issajjar fiħom. (5)
**10.** Jingħata lil kull tifel u tifla. (4)
**11.** Ġiri, galopp. (4)
**12. u 15.** Toħroġ sieqek biex twaqqa' lil xi ħadd. (8)
**15. ara 12.**
**19.** Jekk ma' jkollokx din ix-xlif ma jinżilx. (5)
**20.** Tkexkix, biża' kbir.. (5)
**21.** ARON! isem ta' mara. (4)
**22.** Qima lejn Alla. (4)

**Weqfin:**

**1. u 17.** Patri ta' San Franġisk. (8)
**2.** Tikteb bih u tista' tħassar. (5)
**4 u 16.** Il-qasma bejn pajjiż u ieħor. (10)
**5.** L-għajta li toħroġ meta tweġġa'. (4)
**6.** Il-plural ta' qasma. (4)
**7.** Ftehim. (4)
**13.** ..... nar! ngħidu. (5)
**14.** Iħabbat il-baħar miegħu. (4)
**15.** Kull min jagħti ħajtu għall-pajjiżu. (4)
**16 ara 4.**
**17 ara 1.**
**18.** Obbligat lejn xi ħadd. (4)




**GĦ** u **IE** f'kaxxa waħda.



**LABIRINT**
Ara issibx tarf ta' dan il-labirint!

**SUDOKU**
Daħħal fil-kaxxi vojta ta' kull ringiela, ta' kull kolonna u ta' kull kwadru żgħir ta' 3 kaxxi bi 3, in-numri kollha mill-1 sad-9.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 6 | | | | | | 1 | |
| | | 9 | | 8 | | 7 | | |
| 4 | | | 9 | | | | 3 | 8 |
| | 4 | | | 3 | | | | |
| | | | 4 | | | | 8 | |
| | | | | 6 | | | 4 | |
| 5 | | | | | 8 | | | 6 |
| | | 4 | | 7 | | 8 | 2 | |
| | 8 | | | | | | | |

# INFORMAZZJONI U AVVIŻI MILL-GĦAQDA

Sibna fuq facebook




Nixtiequ nfakkru u niġbdu l-attenzjoni ta' xi wħud mill-membri li għadhom ma ħallsux il-menswalità ta' din is-sena 2018, tal-2017 u anki tas-snin l-imgħoddija. **Infakkru li jekk membru ma jħallasx il-menswalità tliet snin wara xulxin jiġi meqjus mhux membru tal-Għaqda**. Infakkru wkoll li l-menswalità hija ta' **€5** fis-sena u hija l-uniku riżors ta' flus li ddaħħal l-Għaqda. Grazzi.

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tavża li minn għandu xi ritratti, stampi jew pitturi antiki tal-Marsa, javviċina lil xi membru tal-kumitat u nkunu nistgħu nagħmlu kopja tal-materjal, biex b'hekk dan il-materjal ma jintilifx. Grazzi.




L-Għaqda Storika Kulturali tixtieq tgħid prosit kbira lis-sur Tarcisio Azzopardi tal-unur li rebaħ. Unur li jingħata kull sena għall-arġitjanat Malti. Is-sur Tarcisio Azzopardi rebaħ fis-subkategorija B - Mudelli permezz tal-mudell li għamel tal-Knisja tas-Ssma. Trinita' tal-Marsa. Huwa għamel mudell tal-knisja tagħna fil-ġebel u dam jaħdmu madwar 15-il sena. L-Għaqda tagħna kienet diġà ppremjat lis-sur Azzopardi waqt il-ftuħ tal-wirja.




Il-kumitat tal-Għaqda ġie mistieden għall-kxif tal-bust ta' George Camilleri l-ewwel Scout Leader tal-Marsa Scouts Group, li miet fis-sena 2012. Dan il-bust ġie mikxuf mill-Eċċelenza tagħha, il-President ta' Malta Marie Louise Coliero fil-preżenza tal-mara ta' George Camilleri u s-sur Carabott li kien il-moħħ wara dan il-bust. Dan il-bust tqiegħed fi Pjazza Gan Franġisk Abela faċċata tal-post tal-Marsa Scouts Group. Saret ukoll esebizzjoni tal-affarijiet u ritratti fejn għandu x'jaqsam George Camilleri.








Bħalma tagħmel kull sena l-Għaqda Storika Kulturali Marsa fakkret Jum ir-Repubblika billi poġġiet bukkett fjuri fuq il-monument tar-Repubblika ta' Malta fi Triq Diċembru 13.